

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-valur miżjud ta’ sistema Ewropea komuni tal-asil kemm għall-persuni li jfittxu l-asil kif ukoll għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea” (Opinjoni esploratorja)

(2011/C 44/03)

Relatur: **is-Sur PÎRVULESCU**

Fittra tas-16 ta’ Frar 2010, is-Sinjura Joëlle Milquet, Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Impjiegi u l-Opportunitajiet Indaq, inkarigata mill-politika tal-migrazzjoni u l-asil, talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, fisem il-Presidenza Belġjana futura u b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iħejji opinjoni esploratorja dwar

il-valur miżjud ta’ sistema Ewropea komuni tal-asil kemm għall-persuni li jfittxu l-asil kif ukoll għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

(opinjoni esploratorja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabieħ tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-16 ta’ Ġunju 2010.

Matul l-464 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-14 u l-15 ta’ Lulju 2010 (seduta tal-14 ta’ Lulju 2010), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’133 vot favur, vot 1 kontra u 8 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jifraħ li l-istituzzjonijiet tal-UE qed jadottaw approċċ proattiv fil-qasam tal-asil u li ċerti Stati Membri jixtiequ jimxu ’l quddiem f’dan il-qasam ta’ azzjoni.

1.2 Għalkemm il-politika tal-immigrazzjoni u l-asil tal-Unjoni Ewropea tinsab taħt il-pessjoni ta’ diversi sorsi ta’ inċertezza u ta’ riskju fil-livell dinji ⁽¹⁾, il-Kumitat jemmen li d-diversi restrizzjonijiet baġitarji minħabba l-kriżi ekonomika ma jistgħux iwasslu biex jonqsu l-livell u l-kwalità tal-protezzjoni mogħtija lill-benefiċjarji. L-identità tal-Unjoni Ewropea hija marbuta mill-qrib mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Jekk tonqos milli tassigura din il-protezzjoni, il-kredibbiltà interna u esterna tagħha bħala entità politika u demokratika tidghajfef.

1.3 Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-responsabbiltajiet miżjuda tal-UE f’dan il-qasam u t-tibdil fil-mekkaniżmi tat-teħid tad-deċiżjonijiet jiftħu l-prospetti li tinholq żona Ewropea komuni tal-asil. Madankollu jeżistu xi riskji f’dan il-qasam. L-istennijiet maħluqa jistgħu jkun eċċessivi fir-rigward tal-kapaċitajiet politiċi u amministrattivi li jeżistu.

1.4 Il-Kumitat huwa tal-fehma li politika Ewropea komuni fil-qasam tal-asil li tkun funzjonali hija l-aktar twegħiba effikaċi u sostenibbli għall-bżonn li jiġu protetti l-persuni li jinsabu f’sitwazzjoni ta’ riskju, bir-riperkussjonijiet li jirriżultaw minn dan għall-Istati Membri.

⁽¹⁾ Wieħed jista’ jsemmi, pereżempju, ir-riskji marbuta mad-degradazzjoni tal-ambjent u mal-kunflitti li jirriżultaw minnha.

1.5 Il-Kumitat ma jikkunsidrax lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali bħala piż ekonomiku u amministrattiv, iżda jarahom bħala msieħba prezzjużi għall-pajjiżi u l-komunitajiet li jilqgħuhom. Fl-Istati tal-orijini tagħhom, huma jistgħu jgħibu maġġhom bidla li ssaħħa id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Bis-saħħa tal-kompetenzi li jkunu kisbu, huma jistgħu jsiru atturi essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-artijiet li jilqgħuhom kif ukoll tal-pajjiżi tal-orijini tagħhom.

1.6 Il-falliment jew is-suċċess ta’ sistema Ewropea komuni tal-asil (SEKA) ser jiddependi minn għadd ta’ parametri essenzjali: il-protezzjoni effikaċi tad-drittijiet tal-bniedem, is-solidarjetà bejn l-Istati Membri, l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politiki relatati, it-tisħiħ tal-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u l-finanzjament adegwat tal-istituzzjonijiet Ewropej inkarigati minn dan il-qasam. Fil-fehma tal-Kumitat, l-ewwel u qabel kollox għandu jinkiseb l-appoġġ tal-pubbliku inġenerali, tas-soċjetà ċivili u tal-gvernijiet tal-Istati Membri f’politika Ewropea komuni tal-asil. Dan l-għan jista’ jintlaħaq billi l-politika tiġi implimentata malajr u billi jinkisbu riżultati konkreti, b’mod partikolari fil-każi li jservu bħala prova.

1.7 L-eżistenza ta’ sistemi għall-għoti tal-asil li jvarjaw skont il-pajjiżi toħloq spejjeż kbar. It-twaqqif ta’ sistema Ewropea komuni tal-asil tista’ tiċċarahom u tillimitahom, l-ewwel nett bis-saħħa tas-semplifikazzjoni legiſlattiva (tnaqqis fin-numru ta’ appelli jew applikazzjonijiet ripetuti, limitazzjoni tal-possibbiltajiet li l-proċeduri jintużaw b’mod abbużiv), u t-tieni nett permezz tal-azzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej kompetenti li, bħall-Uffiċċju Ewropew ta’ Appoġġ fil-Qasam tal-Asil, jistgħu jissostitwixxu l-awtoritajiet nazzjonali. Permezz ta’ dan ikun aktar faċli li jsir skambju tal-prattiki t-tajba, li jingħata t-taħriġ

lill-persunal ikkonċernat u, fuq kollox, li jergħu jiġu orjentati l-flussi ta' dawk li jfittxu l-asil.

2. Introduzzjoni

2.1 Iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-UE tinsab ffażi deċiżiva. Mill-1999 'l hawn il-Kunsill adotta żewġ pjani ta' ħames snin: il-programm ta' Tampere (1999-2004) u dak tal-Aja (2004-2009). Fgħaxar snin l-oġġettivi stabbiliti f'Tampere ntlaħqu biss b'mod parzjali. L-UE għadha mhix żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Ġie reġistrat progress konsiderevoli iżda inugwali fil-qasam tal-politika komuni tal-immigrazzjoni, tal-asil u tas-sigurtà fil-fruntieri.

2.2 Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, ser jiġi implimentat il-programm ta' Stokkolma u, għalhekk, il-Kunsill ser jadotta sensiela sħiħa ta' politiki li jidhru fih permezz tal-proċedura leġislattiva klassika jew permezz tal-kodeċiżjoni mal-Parlament Ewropew. Għaldaqstant, l-UE ser tkun tista' tistabbilixxi oġġettivi aktar ambizzjużi għaliha stess u tnedi mill-ġdid proċess li għalissa huwa ostakolat minħabba l-fatt li ċerti Stati Membri qed joqogħdu lura.

2.3 Bl-adozzjoni tat-Trattat ta' Lisbona, li integra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-asil żdiedu b'mod wiesa' ħafna. Din l-estensjoni tas-setgħat toffri l-opportunità biex jingħażel il-progress lejn it-tweġġiq tal-oġġettivi fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-asil, iżda jista' jinħoloq ukoll riskju jekk ma jinkisibx l-appoġġ tal-atturi interessati għad-deċiżjonijiet li jittieħdu. Jekk ma jissolvewx it-tensjonijiet u l-impreċiżjonijiet li huma marbuta ma' qasam daqstant sensitiv u li diġà kienu evidenti fl-istadju tat-thejġija tal-azzjoni, dan ser jikkomprometti kemm il-progress li sar s'issa kif ukoll il-prospetti futuri.

2.4 Il-Programm ta' Stokkolma huwa r-riżultat ta' proċess ta' konsultazzjoni li indirizza mill-ġdid u implimenta l-proposti tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil⁽²⁾, ir-rapporti tal-grupp konsultattiv dwar il-ġejjieni tal-politika interna u tal-ġustizzja⁽³⁾, kif ukoll il-kontributi li l-Kummissjoni Ewropea rċeviet f'Settembru u Novembru 2008 fil-qafas tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-"Libertà, sigurtà u ġustizzja: X'ser ikun il-futur? – Konsultazzjoni dwar il-prijoritajiet għall-ħames snin li ġejjin". F'Ġunju 2009 l-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni bl-isem "Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini – Aktar libertà f'ambjent aktar sikur"⁽⁴⁾, li ġiet diskussa f'Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁽⁵⁾.

2.5 Il-ħolqien tas-sistema Ewropea komuni tal-asil (SEKA) bħala parti miż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja huwa bbażat fuq l-impenn favur l-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta'

Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati (1951) u fuq il-valuri li jiddefinixxu d-drittijiet tal-bniedem, kondiviżi mill-Istati Membri. Fil-perjodu bejn l-1999 u l-2006 sar progress sostanzjali, l-aktar bl-adozzjoni ta' erba' strumenti li jsawru dak li nkiseb s'issa. Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE (id-Direttiva dwar il-kwalifika) iddefinixxiet il-kriterji komuni biex jiġi determinat liema huma l-persuni ġustifikati biex jitolbu l-protezzjoni internazzjonali, u stabbilixxa livell minimu ta' benefiċċji li għandhom jingħataw fl-Istati Membri tal-UE kollha. Fil-programmi tal-Aja u ta' Stokkolma, il-Kummissjoni Ewropea daħlet għall-impenn li tevalwa l-progress li sar fl-ewwel fażi u li tippromponi sensiela ta' miżuri lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew qabel tmiem l-2010.

2.6 Mill-2002 'l hawn il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħa sehem fit-thejġija u l-implimentazzjoni ta' sistema Ewropea komuni tal-asil permezz ta' sensiela sħiħa ta' opinjonijiet, fosthom dawk fuq il-Green Paper dwar is-Sistema ta' Asil Komuni Ewropea tal-ġejjieni⁽⁶⁾ u fuq il-Programm ta' politika dwar l-asil⁽⁷⁾.

2.7 Fil-pjan strateġiku tagħha fil-qasam tal-asil, li ġie adottat fis-17 ta' Ġunju 2008⁽⁸⁾, il-Kummissjoni ppropriet li l-Unjoni tiffinalizza t-tieni fażi tas-sistema Ewropea komuni tal-asil (SEKA) billi jiġu adottati standards ta' protezzjoni mtejbja u billi tiġi żgurata l-applikazzjoni armonizzata tagħhom fl-Istati Membri. Il-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil adottat mill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Ottubru 2008 tenna l-appoġġ tiegħu għal din il-politika u għall-oġġettivi stabbiliti. Il-pjan strateġiku jipprevedi li d-Direttiva dwar l-Istatus tiġi riveduta fil-qafas ta' sensiela usa' ta' inizjattivi li tinkludi r-reviżjoni tar-Regolamenti ta' Dublin u tal-Eurodac u tad-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza⁽⁹⁾ u l-adozzjoni, nhar id-19 ta' Frar 2009, ta' proposta dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO)⁽¹⁰⁾. Fost il-miżuri l-oħra proposti, huwa rakkomandat li tissaħħaħ id-dimensjoni esterna tal-asil, b'mod partikolari permezz ta' programm Ewropew ta' risistemazzjoni u bl-iżvilupp ta' programmi reġjonali ta' protezzjoni.

2.8 Fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Gvern Belġjan talab lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iħejji opinjoni esploratorja dwar il-kwistjoni tal-asil. Fit-talba uffiċjali jingħad li l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali lill-persuni li jinsabu f'sitwazzjoni ta' riskju huwa waħda mill-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Matul dawn l-aħħar snin, huma ħadmu bis-sħiħ għall-oġġettiv prinċipali li stabbilixxew, jiġifieri li jibnu politika Ewropea komuni fil-qasam tal-asil. Stabbilixxew standards sabiex tinkiseb il-protezzjoni internazzjonali, iddeterminaw xi responsabbiltajiet u ħolqu istituzzjonijiet ġodda. Madankollu, numru sostanzjali ta' Stati Membri m'għandhomx ir-rieda li li jarmonizzaw b'mod ġenwin il-leġislazzjoni u l-politiki tagħhom.

⁽²⁾ Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil, Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 13440/08, 24 ta' Settembru 2008.

⁽³⁾ Rapport tal-Grupp Konsultattiv dwar il-Futur tal-Politika tal-Affarijiet Interni "Liberty, Security, Privacy: European Home Affairs in an Open World" (Il-Libertà, is-Sigurtà, il-Ħajja Privata: l-Affarijiet Interni Ewropej f'Dinja Miftuħa), Ġunju 2008.

⁽⁴⁾ COM(2009) 262.

⁽⁵⁾ ĠU C 128, 18.5.2010, p. 80.

⁽⁶⁾ ĠU C 204, 9 ta' Awwissu 2008, p. 77.

⁽⁷⁾ ĠU C 218, 11 ta' Settembru 2009, p. 78.

⁽⁸⁾ COM(2008) 360 finali.

⁽⁹⁾ COM(2008) 815 finali; COM(2008) 820 finali; COM(2008) 825 finali.

⁽¹⁰⁾ COM(2009) 66 finali.

Mingħajr l-appoġġ tal-Istati Membri, hemm riskju li l-konstruzzjoni Ewropea, leġislattiva u istituzzjonali, issir ineffikaċi u għalja. Dawn l-Istati Membri għadhom mhumiex qed jaraw sewwawew il-vantaġġi ta' politika Ewropea komuni fil-qasam tal-asil u mhumiex jassumu b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tagħhom.

2.9 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew żviluppa proposti kostruttivi f'dan il-qasam, filwaqt li laqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fil-prattiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Fil-pożizzjonijiet li ħa, huwa appoġġja b'mod miftuħ il-prinċipji u l-valuri li jagħtu prijorità lid-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ppropona miżuri bil-għan li jstimolaw l-iżvilupp personali u professjonali ta' dawk li jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali. Ġibed ukoll kemm-il darba l-attenzjoni għal-limiti u l-inkoerenzji tal-politiki Ewropej, kemm f'dawk li jinsabu fl-istadju ta' abbozz kif ukoll f'dawk li qed jiġu implimentati. F'dan il-qasam, jeħtieġ li jiġu aġġustati l-politiki u l-istrumenti b'mod konsenswali li jassoċja fi djalogu ġenwin lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet Komunitarji, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-dinja tal-intrapriżi u l-komunitajiet lokali.

3. Kummenti ġenerali

Il-valur miżjud ta' sistema Ewropea komuni tal-asil għall-persuni li jfittxu l-asil u għall-Istati Membri

3.1 Il-Kumitat jemmen li approċċ li jenfasizza l-vantaġġi tas-sistema Ewropea komuni tal-asil huwa promettenti u jista' potenzjalment jerġa' jibni l-fiduċja tal-atturi interessati, b'mod partikolari l-Istati Membri, fil-proċess ta' tħejjija ta' dan il-mekkaniżmu.

3.2 Il-Kumitat jaqbel ukoll mal-oġġettivi li qed tistabbilixxi l-Unjoni Ewropea għaliha stess fir-rigward tal-perfezzjonament tas-sistema Ewropea komuni ta' asil. Madankollu, jiġbed l-attenzjoni għad-differenza li hemm bejn l-oġġettivi stabbiliti fil-livell Ewropew u l-prattiki nazzjonali f'dan il-qasam, u dan jista' jkompli jikber minħabba l-kriżi ekonomika u l-impatt soċjali u politiku tagħha.

3.3 Is-sistema Ewropea komuni tal-asil ma tistax tinbena mingħajr ma tiġi bbażata bis-sħiħ f'qafas ta' valuri u prinċipji komuni li jpoġġu d-dinjità u s-sigurtà tal-bniedem fil-qalba tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

3.4 Minħabba li l-pressjonijiet li jiffaċċjaw id-diversi Stat Membri jvarjaw ħafna, bħalma huwa rifless fid-disparitajiet bejn il-livelli ta' aċċettazzjoni, in-numru ta' deċizzjonijiet ikkontestati u l-movimenti sekondarji ta' dawk li jfittxu l-asil, joħroġ fid-dieher li l-prinċipju impliċitu tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri mhuwiex qed jiġi applikat.

3.5 It-tendenza tal-Istati Membri li jillimitaw l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-prattiki nazzjonali ddgħajjef is-sisien tas-sistema Ewropea komuni tal-asil. L-armonizzazzjoni mhix

problema tal-politika tal-asil, iżda hi l-istrument prinċipali li bis-saħħa tiegħu jkun jistgħu jitwettqu l-vantaġġi tas-sistema Ewropea komuni tal-asil. Hija tista' tnaqqas il-pressjoni amministrattiva u finanzjarja li jkun hemm fuq ċerti Stati Membri u barra minn hekk tiggarrantixxi livell ogħla ta' protezzjoni għal dawk li jfittxu l-asil, għall-inqas fil-fażi inizjali tal-proċess. Jekk irriduha tipproduċi r-riżultati mistennija, l-armonizzazzjoni m'għandhiex issir fuq il-bażi tal-iżgħar denominatur komuni fil-qasam tal-protezzjoni.

3.6 Il-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali jiffirma parti sensitiva tal-politika tal-asil. Id-differenzi bejn l-Istati Membri huma saħansitra akbar milli fil-każ tal-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali fil-veru sens tal-kelma. Jekk lill-protezzjoni nagħtuha importanza akbar, li tiġi riflessa fir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-aċċess għall-edukazzjoni u l-impjegi, il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jkun jistgħu jikkontribwixxu biex tiżdied il-prosperità individwali u kollettiva.

3.7 Sabiex il-politika tal-asil tingħata għajnuna sodisfaċenti, l-istituzzjonijiet speċjalizzati, b'mod partikolari l-Frontex u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil, għandu jkollhom setgħat ċari, għandhom jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju adatt għar-responsabbiltajiet tagħhom, u għandhom ikunu jiffunzjonaw b'mod trasparenti li jassigura r-rispett tal-proċeduri u tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali. L-appoġġ finanzjarju ta' istituzzjonijiet effikaċi jista' joffri eżempju eċċellenti tal-vantaġġi li jirriżultaw minn politika komuni tal-asil ġenwina.

4. Kummenti partikolari

4.1 Il-Kumitat jemmen li l-aspetti differenti tal-politika tal-asil huma korrelati. Il-falliment jew is-suċċess tagħha ser jiddependi minn għadd ta' parametri essenzjali: il-protezzjoni effikaċi tad-drittijiet tal-bniedem, is-solidarjetà bejn l-Istati Membri, l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politiki relatati, it-tisħiħ tal-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u l-finanzjament adegwat tal-istituzzjonijiet Ewropej inkarigati minn dan il-qasam. Fil-fehma tal-Kumitat, l-ewwel u qabel kollox għandu jinkiseb l-appoġġ tal-pubbliku iġenerali, tas-soċjetà ċivili u tal-gvernijiet tal-Istati Membri f'politika Ewropea komuni tal-asil. Dan l-għan jista' jintlaħaq billi l-politika tiġi implimentata malajr u billi jinkisbu riżultati konkreti, b'mod partikolari fil-każi li jservu bħala prova.

Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-istadji kollha tal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali

4.2 Fil-pożizzjonijiet tiegħu, il-Kumitat qatt ma waqaf jenfassizza li fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali hemm bżonn standards komuni u mhux minimi⁽¹¹⁾. Dawn jassiguraw li jiġu rispettati aktar id-drittijiet fundamentali tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali permezz tal-miżuri li ġejjin:

— il-garanzija tal-aċċess għat-territorju,

⁽¹¹⁾ ĠU C 204, 9 ta' Awwissu 2008, p. 77; ĠU C 218, 11 ta' Settembru 2009, p. 78.

- il-libertà li wieħed jagħżel fejn issir l-applikazzjoni għall-asil u l-protezzjoni,
- l-analiżi, l-ewwel nett, tal-istatus konvenzjonali, u t-tieni nett, tal-post tal-protezzjoni sussidjarja, fil-każ biss li l-kundizzjonijiet rikjesti fl-ewwel status ma jiġux sodisfatti,
- in-*non-refoulement* jekk ħajjet l-applikant tkun fil-periklu fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu jew fl-aħħar pajjiż ta' transitu tiegħu,
- is-sospensjoni tal-miżuri ta' tkeċċija sakemm tittieħed deċiżjoni mill-qorti kompetenti, sabiex id-dritt tal-appell isir totalment effettiv, b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- il-protezzjoni partikolari meħtieġa għall-minorenni jew minorenni preżunti,
- ir-rispett tad-drittijiet individwali tal-persuni u b'mod partikolari tan-nisa li jressqu applikazzjoni għall-protezzjoni.

4.3 Huwa importanti immens li matul il-proċeduri l-persuni li jfittxu l-asil ikunu jistgħu jesprimu ruħhom bil-lingwa materna tagħhom u jibbenefikaw, f'kull stadju, minn assistenza legali mingħajr ħlas.

4.4 It-tiċħid ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tiġi motivata b'mod ċar u għandha tinkludi informazzjoni, l-aktar b'rabta mal-proċedura u l-iskadenza, dwar il-possibbiltà tal-introduzzjoni ta' appell. Fi kwalunkwe każ, il-miżura ta' tkeċċija għandha tiġi sospiża sakemm jinħareġ ir-riżultat ta' appell eventwali⁽¹²⁾.

4.5 Iż-“żamma – detenzjoni” għandha tintuża biss bħala l-aħħar mekkaniżmu, meta ma jkunx fadal aktar alternattivi, u qatt m'għandha ssir mingħajr id-deċiżjoni ta' qorti kompetenti, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tad-difiża, b'konformità mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali⁽¹³⁾. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu għandhom ikunu jistgħu jiġu kkontestati fil-qafas ta' proċedura tal-appell.

4.6 Il-Kumitat jenfasizza s-sitwazzjoni partikolari tan-nisa, li jsibu ħafna aktar diffikultajiet mill-irġiel biex japplikaw għall-asil u jiksbu l-istatus ta' rifuġjat. Bl-istess mod, jiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni tal-minorenni fil-politika tal-asil u jenfasizza li huwa importanti li l-interessi u s-sigurtà tagħhom jitħarsu b'mod effikaċi.

4.7 Il-Kumitat huwa inkwetat minħabba li l-fenomeni marbuta mal-immigrazzjoni u l-asil, bħat-traffiku tal-bnedmin

jew l-abbuż, ma jiġux indirizzati b'mod suffiċjenti fir-rigward tal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, speċjalment il-pajjiżi ta' transitu. Il-pajjiżi li ma rratifikawx il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 ma jstgħux ikunu l-imsieħba tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-politika tal-asil. Is-suċċess tal-politika tal-asil ma jistax jiġi ggarantit jekk ma jkunx hemm ftehim istituzzjonali sod mal-Istati ta' transitu, li ħafna drabi jittolleraw il-ksur tad-drittijiet u s-sigurtà tal-persuni li jinsabu f'sitwazzjoni ta' riskju.

Solidarjetà akbar bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tal-interess komuni u tal-qsim tar-responsabbiltajiet

4.8 Minħabba d-disparitajiet li jeżistu fil-livell ta' kemm l-Istati Membri differenti huma esposti għall-flussi ta' rifuġjati, xi wħud minnhom għandhom it-tendenza li jirreaġixxu billi japplikaw regoli restrittivi għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali. Il-politika tal-asil għandha tgħin b'mod effikaċi lil dawn il-pajjiżi sabiex jimmaniġġjaw l-applikanti u, fuq kollox, itejbu l-kontenut tal-protezzjoni. Il-Kumitat jemmen li sabiex din l-għaj-nuna tingħata, huwa importanti li tiġi prevista proċedura ġdida li tissospendi t-trasferimenti, b'konformità mar-Regolament ta' Dublin, lejn Stat Membru responsabbli li b'dan il-mod iġarrab pressjoni addizzjonali⁽¹⁴⁾.

4.9 Il-kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi li jġarrbu pressjoni bħal din toħloq diversi vantaġġi. L-ewwel nett, tillimita l-moviment sekondarju, minn Stat Membru għal ieħor. Barra minn hekk, jekk l-applikazzjonijiet għall-asil jitqassmu b'mod aktar ekwu, ikun jista' jiġi mmaniġġjat aħjar il-proċess u tiġi żgurata integrazzjoni aħjar tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fi ħdan il-pajjiżi tal-Unjoni.

Armonizzazzjoni effettiva u ffokata fuq it-titjib tal-protezzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' riskju

4.10 It-trattament tal-applikazzjonijiet għall-asil huwa parti mill-kompetenzi tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. F'dan il-qasam, għadhom qed jippersistu tradizzjonijiet differenti minħabba n-nuqqasijiet fl-armonizzazzjoni tal-leġislażjonijiet nazzjonali; is-sitwazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini tiġi evalwata b'mod li jvarja; wieħed jinnota li fil-livell Ewropew m'hemm prattiki komuni; il-kapaċitajiet amministrattivi huma differenti; fl-aħħar nett, il-persjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali mhix maqsuma b'mod ugwali mil-lat ġeografiku. Għaldaqstant, il-livelli ta' protezzjoni mogħtija mill-varji Stati Membri huma differenti ħafna, u għal din ir-raġuni għadu qed ikun hemm movimenti sekondarji tar-rifuġjati fi ħdan l-UE⁽¹⁵⁾.

4.11 Hemm bżonn li l-analiżi tal-applikazzjonijiet għall-asil issir fuq bażi komuni. Il-Kumitat kemm-il darba rrakkomanda li jitneħħew il-listi tal-pajjiżi li huma kkunsidrati bħala siguri u li dawn jiġu sostitwiti permezz ta' sistema li tevalwa f'ħin reali r-riskji li hemm fil-pajjiżi terzi, fuq bażi individwali u fuq bażi kollettiva. Il-mekkaniżmu huwa previst fost il-kompiti tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil. Din is-sistema komuni ta' evalwazzjoni għandha tuża sensiela ta' definizzjonijiet komuni, filwaqt li tintegra l-aġenziji tal-protezzjoni u l-protezzjoni fit-territorju tal-Istat ikkonċernat.

⁽¹²⁾ Opinjoni tal-KESE tat-28 ta' April 2010 dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid) – (COM(2009) 554 finali – 2009/0165 (COD), relatur: is-Sur Pezzini).

⁽¹³⁾ ĠU C 317, 23.12.2009, p. 110.

⁽¹⁴⁾ ĠU C 317, 23.12.2009, p. 115.

⁽¹⁵⁾ ĠU C 218, 11 ta' Settembru 2009.

4.12 Il-Kumitat jemmen li l-aġenziji mhux statali tal-protezzjoni jistgħu jipprovdu servizzi siewja, li kultant ikunu saħansitra indispensabbli f'qasir żmien, l-aktar biex jissolvew il-problemi umanitarji. Madankollu, jaħseb li ma jidhrix li dawn jistgħu jingħataw, anke parzjalment, ir-responsabbiltà li jassiguraw il-protezzjoni tan-nies f'territorju partikolari. Din ir-responsabbiltà tista' titħalla biss f'idejn strutturi statali. Il-protezzjoni fil-pajjiż hija valida biss meta l-biċċa l-kbira tat-territorju ta' pajjiż jinsab taħt il-kontroll ta' poter ċentrali li jkun kapaċi u jkun jixtieq jiggerantixxi l-ordni interna, livell minimu ta' servizzi pubbliċi u protezzjoni adegwata tad-drittijiet u tas-sigurtà tal-individwi.

4.13 Il-Kumitat jinsab kument li l-affarijiet qed jiżviluppaw b'mod li l-kontenut taż-żewġ statuses ta' protezzjoni (rifuġjati u protezzjoni sussidjarja) isir uniformi. Huwa kemm-il darba ta l-appoġġ tiegħu għal dan l-iżvilupp, li fil-ġejjieni ser jiggerantixxi protezzjoni aktar sħiħa tal-persuni li jinsabu f'sitwazzjoni ta' riskju u ser jiżgura li dawn il-persuni jkunu integrati aħjar fl-Istati Membri tal-Unjoni. Fl-istess ħin, il-fatt li dawn iż-żewġ statuses ta' protezzjoni qed isiru uniformi m'għandux ikollu l-effett, dirett jew indirett, li jbaxxi l-livell ta' protezzjoni u l-kwalità tal-kontenut tagħhom ⁽¹⁶⁾ iżda għandu jsaħħahom.

4.14 Ir-responsabbiltà li għandhom il-gvernijiet nazzjonali fil-ġestjoni tal-politika tal-asil m'għandhiex twassal biex dawn jiżviluppaw prattiki diverġenti għalkollox. Ċerti Stati Membri, bħall-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja, żviluppaw għadd ta' prattiki tajbin f'dan il-qasam li jistgħu jspiraw miżuri tal-istess tip f'pajjiżi oħra. Ir-rwol tagħhom mhux smat daqs-kemm jistħoqqlu: huma jistgħu jindikaw kif il-politika tal-asil tista' titpoġġa fil-prattika u kif jistgħu jiġu limitati l-ispejjeż tal-esperimentazzjoni fil-livell nazzjonali.

Protezzjoni internazzjonali b'kontenut aktar sostanzjali

4.15 F'dan il-qasam, il-politiki u l-programmi nazzjonali jvarjaw. Però, din l-istqarrija hija intuittiva għaliex ma teżisti l-ebda analiżi dettaljata ta' dawn il-mekkaniżmi fl-Istati Membri. Fin-nuqqas ta' miżuri antiċipattivi, l-għoti tal-protezzjoni internazzjonali jitlef kull sinifikat u konsegwentement iwassal għal diskriminazzjoni impliċita tal-persuni li jibbenefikaw minn dan l-istatus. Il-KESE jirrakkomanda li t-trejdjunjins u l-korpi ta' min iħaddem jiġu involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-asil fil-livell nazzjonali.

4.16 Il-Kumitat jemmen li dan il-mekkaniżmu għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-ekwivalenza

⁽¹⁶⁾ Opinjoni tal-KESE tat-28 ta' April 2010 dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala beneficiarji ta' protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (tfassil mill-ġdid) (COM(2009) 551 finali/2 – 2009/0164 (COD), relatur: is-Sur Pírvu-lescu).

tad-diplomi u l-kwalifiki, kif ukoll dwar miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għall-programmi ta' taħriġ vokazzjonali ⁽¹⁷⁾. Dawn huma passi importanti lejn l-integrazzjoni ta' dawn il-persuni fl-ekonomija u s-soċjetà u lejn it-titjib tal-kwalità ta' ħajjithom. Fir-rigward tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, huwa importanti li dan jissaħħaħ permezz ta' miżuri attivi fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u t-tħeġġiġ tal-atturi ekonomiċi.

Tisħiħ u finanzjament adegwat tal-istituzzjonijiet responsabbli għall-politika tal-asil

4.17 Il-Kumitat jemmen li l-attivitajiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil għandhom jieħdu xejra operattiva mill-aktar fis possibbli. Jeħtieġ li bil-baġit tiegħu jkun jista' jwettaq l-azzjoni tiegħu, kumplessa u intensiva, mill-lat loġistiku. Biex nieħdu eżempju, għandha tingħata prijorità lill-iżvilupp tas-sistema Ewropea komuni ta' evalwazzjoni tar-riskju fil-pajjiżi terzi għaliex din hija komponent importanti tal-politika tal-asil. Il-finanzjament adegwat li ser jingħata jista' jenfasizza l-vantaġġi tal-fatt li jkollna istituzzjonijiet u proċeduri komuni fil-livell Ewropew. Jeħtieġ li hu jikkoordina l-ħidma tiegħu mal-istrutturi l-oħra tal-UE u, b'mod aktar partikolari, mal-gvernijiet tal-Istati Membri.

4.18 Il-finanzjament tal-elementi differenti tal-politika tal-asil għandu jerġa' jiġi kkunsidrat. Hemm lok li dan jikber u jiġi orjentat lejn l-istrumenti li jipproduċu l-aħjar riżultati u jipprovdu għajnuma reali lill-Istati Membri. Is-solidarjetà hija aspekk finanzjarju li m'għandux jintesa. Il-Fond Ewropew għar-Rifuġjati, pereżempju, għandu baġit – madwar EUR 5 miljun – li huwa żgħir wisq biex jipprovdi appoġġ siewi għall-implimentazzjoni tal-politika tal-asil fil-livell Ewropew u nazzjonali.

4.19 Il-KESE jinsab imħasseb dwar sensiela ta' prattiki tal-gvernijiet tal-Istati Membri u tal-aġenzija Frontex fir-rigward tat-tkeċċija tal-persuni li jista' jkollhom b'żonn ta' protezzjoni internazzjonali ⁽¹⁸⁾. Dawn l-operazzjonijiet, li żdiedu fil-frekwenza u fl-iskala, għandhom iseħħu f'kundizzjonijiet ta' trasparenza sħiħa u ta' responsabbiltà assunta bis-sħiħ ⁽¹⁹⁾. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-Frontex u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil jaħdmu flimkien sabiex jiġi evitat li jinkisru d-drittijiet tal-bniedem. It-tkeċċija ta' persuni lejn pajjiżi jew żoni fejn is-sigurtà tagħhom hija mhedda tirrappreżenta ksur ċar tal-prinċipju ta' *non-refoulement*.

⁽¹⁷⁾ Idem.

⁽¹⁸⁾ Ara r-rapport tal-Human Rights Watch (HRW) intitolat: "Pushed Back, Pushed Around, Italy's Forced Return of Boat Migrants and Asylum Seekers, Libya's Mistreatment of Migrants and Asylum Seekers" (Mibgħuta lura u mhedda: L-Italja tibgħat lura bil-forza d-dgħajjes tal-migranti u dawk li jfittxu l-asil, u l-Libja tittrattahom ħażin), Human Rights Watch 2009.

⁽¹⁹⁾ Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon ir-rieda tal-Kummissjoni Ewropea li l-andament tal-proċeduri f'dan il-qasam isir trasparenti.

4.20 Il-KESE jemmen ⁽²⁰⁾ li jeħtieġ isir sforz għat-taħriġ tal-persunal tal-Frontex bil-għan li jittejbu l-punti li ġejjin:

- koordinazzjoni aħjar tal-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri,
- tfassil ta' standards komuni fil-qasam tat-taħriġ,
- l-għoti tal-appoġġ neċessarju għall-organizzazzjoni tal-akkoljenza u r-ripatrijazzjoni lill-Istati, bil-għajjnuna tal-medjaturi kulturali,

— il-preparazzjoni tal-uffiċjali fil-qasam tal-liġi umanitarja tal-asil stabbilita mill-UE.

4.21 Il-Kumitat jirrakkomanda li fil-qasam tal-politika tal-asil, flimkien mal-iżvilupp istituzzjonali, jiġu integrati aktar l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-tehdid tad-deċiżjonijiet u fl-andament operattiv. Jekk dawn jiġu assoċjati b'dan il-mod, terġa' tiżdied il-kredibbiltà tal-politika komuni filwaqt li jsir kontribut biex jittejbu b'mod sostenibbli l-istrumenti użati.

Brussell, 14 ta' Lulju 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

⁽²⁰⁾ Opinjoni tal-KESE tat-28 ta' April 2010 dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid) – (COM(2009) 554 finali – 2009/0165 (COD), relatur: is-Sur Pezzini).